MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 235/2011

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) t'Awwissu ta' l-elf disa mija u sebgha u sebghin (1977) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Anthony Gatt mil-ghoxrin (20) ta' Frar ta' l-elfejn u sitta (2006) (Ara Dok B anness);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom sitta u ghoxrin (26) sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn / familji godda;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju *stante* li wild il-partijiet huwa maggorenni u ‘l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi skond l-anness kuntratt ta’ separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 2) l-intimat huwa obbligat ihallas is-somma ta’ mija u tletin Lira Maltin (Lm130) ekwivalenti ghal-tlett mija u tnejn euro u wiehed u tmenin centezmi (€302.81c) fix-xahar, bhala manteniment, li dwarhom mhux qieghdin isiru pretensjonijiet f'dan ir-rikors;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Ottubru, 2011;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat illi r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Dr Anthony Gatt mill-20 ta' Frar, 2006;

Illi irrizulta wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Irrizulta illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-wild tal-partijiet huwa maggorenni u irrizulta wkoll illi ma hemm l-ebda pretenzjoni mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat dwar manteniment dovut lilha.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------